**BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA' (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Rikors Numru 6/2020SG**

**Geoffrey Grech (K.I. 118350(M)) għan-nom ta' Boomer & Co Ltd (C-11602)**

**vs**

**Maria Victoria Ellul (K.I. 398787(M) u ai termini ta' digriet tad-29 ta' Marzu 2022, ġie jaqra Victoria Vella (K.I. 415874(M)) u Nathalie Caruana (K.I. 370277(M))**

**Illum, 4 ta' Diċembru, 2023**

Il-Bord;

Ra r-rikors ippreżentat fit-3 ta' Awwissu, 2020, li permezz tiegħu ġie premess u mitlub is-segwenti:

1. *Illi s-soċjeta' esponenti kienet tikri lil Alessio Galea, missier l-intimati, l-għalqa magħrufa bħala "tal-Wiċċ" sive "tal-Mika", Biżbeżija fi Triq iz-Zejfa, fil-limiti tal-Mosta, bil-qbiela ta' €9.82 (Lm4), liema qbiela kellha titħallas kull sena fil-15 ta' Awissu bil-quddiem;*

2. *Illi msemmija kera għaddiet għand l-intimati, ulied l-imsemmi Alessio Galea, illum mejjet;*

3. *Illi madankollu, l-intimati ħallew l-għalqa ma tinħadimx għal aktar minn tnax-il xahar konsekuttivi kif ser jiġi ppruvat waqt dawn il-proċeduri u dan anke permezz ta' ecological assessment report rigwardanti is-sit in disamina li jġib id-data ta' Mejju 2020;*

4. *Illi barra minn hekk, l-intimati naqsu li jżommu fi stat tajjeb l-għalqa, jew abitwalment naqsu li jħarsu l-kundizzjonijiet tal-kiri u bi traskuraġni kkaġunaw jew ħallew li tiġi kaġunata ħsara fl-istess għalqa, jew f' ta' ġo fiha u dan kif se jiġi ippruvat waqt dawn il-proċeduri;*

5. *Illi in oltre, is-soċjeta' esponenti ilha ma tirċievi l-kera dovuta għal diversi snin;*

6. *Illi s-soċjeta' esponenti trid li din l-għalqa tiġi ripristinata u tużaha għal skopijiet agrikoli;*

 *Għaldaqstant, għar-raġunijiet imsemmija u dawk l-oħra li jistgħu jirriżultaw fil-kors tal-kawża, is-soċjeta' esponenti titlob bir-rispett li dan il-Bord jogħġbu jawtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-għalqa fuq imsemmija.*

 *Bl-ispejjeż*

Ra r-risposta ppreżentata fit-8 ta' Frar, 2022, fejn ġie eċċepiet is-segwenti:

1. *Fl-ewwel lok is-soċjeta rikorrenti jeħtieġ li tipprova t-titolu tagħha fuq l-art mertu ta' dan il-kawża;*

2. *Fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandhom jippruvaw illi jeżistu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-artikolu 4(2)(a) tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma huwiex minnu illi l-esponenti ma jaħdmux ir-raba mertu ta' din il-kawża u dan kif ser jirriżulta mill-provi aktar 'l quddiem;*

4. *Fir-raba' lok, l-esponenti jissottomettu illi ma huwiex minnu illi l-ħlas tal-qbiela ma huwiex qed isir, fil-fatt huma r-rikorrenti stess li mhumiex jaċċettaw ħlas;*

5. *Għalhekk u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondanti fil-fatt u fi dritt, mhux biss għar-raġunijiet fuq imsemmija imma anke għal oħrajn li ser jirriżultaw waqt is-smigħ ta' din il-kawża.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra r-rikorrenti.*

Sema' l-provi kollha prodotti;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra r-rapport tal-Espert *ex parte* Ryan Cilia, a folio 70 – 80 tal-proċess;

Ra r-rapport tal-Esperti Membri Teknici tal-Bord maħtura permezz ta' digriet tal-24 ta' Novembru, 2022;

Ra s-sottomissjoni tal-attur;

Ra li l-intimati naqsu milli jippreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom;

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunisdra:**

**Xhieda prodotta**

**Geoffrey Grech** xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit, fejn spjega li huwa direttur tal-kumpanija Boomer & Co Ltd (C-11602), liema kumpanija hija sid l-għalqa magħrufa bħala "tal-Wiċċ" sive "tal-Mika", Biżbeżija fi Triq iż-Żejfa, fil-limiti tal-Mosta, u li hija mikrija lil Maria Victoria Ellul (KI 398787M) u Natalie Caruana (KI 25573M), werrieta ta' Alessio Galea, li kellu b'titolu ta'qbiela l-art mertu ta' din il-kawża. Spjega li Alessio Galea kien jieħu ħsieb din l-art kif xieraq, u li l-intimati huma obbligati jħallsu madwar Lm4 fis-sena qbiela, iżda

l-aħħar darba li Maria Victoria Ellul u Natalie Caruana ħallsu din il-qbiela, kien proprju fl-2009.

Ix-xhud spjega li għal dawn l-aħħar għaxar snin, hu sikwit ikun fl-inħawi u li nnota li din l-għalqa ma baqgħetx tintuża għal skop agrikolu, bħalma kien jiġri fi żmien Alessio Galea. Kompla jgħid li l-għalqa, qabel kellha madwar 400 siġra tal-ħawħ li Alessio Galea kien jieħu ħsieb, iżda għal dawn l-aħħar għaxar snin, l-għalqa tħalliet fi stat ta' abbandun totali, u s-siġar m'għadhomx hemm, tant li llum il-ġurnata l-għalqa hija għal kollox abbandunata u karatterizzata bil-preżenza ta' ħaxix selvaġġ ma' kullimkien, illi jlaħħaq għoli saħansitra ta' 3 metri 'il fuq mill-ħamrija. Tenna li hija l-intenzjoni tagħhom illi din l-art tibda tinħadem u tkun kultivata, tant li s-soċjetà rikorrenti kienet twaqqfet apposta, fost affarijiet oħrajn, biex '*taħdem art agrikola*' kif juri l-*memorandum of understanding*. Żied jgħid li huwa kkummisjona rapport mill-Espert Ryan Cilia, u ċioè Konsulent dwar *Ecological Assessments*, biex jikkonferma li l-għalqa ilha abbandunata u li ilha ma tinħadem, għal perjodu li huwa ferm aktar minn tnax-il xahar konsekuttivi kif tipprovdi l-Liġi.

Permezz ta' affidavit ulterjuri, Geoffrey Grech eżebixxa iktar ritratti li ttieħdu fil-21 ta' Jannar, 2022. Huwa żied jgħid li dawn ir-ritratti jkomplu jikkonfermaw, li bejn il-perijodu ta' Ġunju 2020 u Jannar 2022, is-sitwazzjoni fuq is-sit baqgħet l-istess, fis-sens li l-art tħalliet ma tinħadimx. Huwa eżebixxa wkoll kopja tal-kuntratt ta' akkwist tal-art mertu tal-kawża, li jinsab fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa, datat 30 ta' April, 1990.

**Ryan Cilia** fil-kapaċità tiegħu ta' Ekoloġista u *Environmental Scientist*, xehed nhar is-16 ta' Frar, 2022, u spejga li hu kien imqabbad mis-Sur Geoffrey Grech biex jagħmel *ecological assessment* ta' għalqa, fejn irriżulta li l-għalqa ilha abbandunata għal aktar minn ħames snin. Xehed li hu kien wasal għal din il-konklużjoni minhabba diversi fatturi, fosthom mill-preżenza ta' '*Lentisk Tree*', bil-Malti 'Deru', li hija *pest* għas-siġar taż-żebbuġ, u li kellha dijametru ta' 5 ċentimetri. Spjega li evidenza oħra kienet li ħafna mis-siġar ta' frott li kien hemm, kienu mejta jew biċċa mlaqqma u mejta, tant li kien qed jikber rootstock minn taħt. Ikkonferma li huwa kien mar fuq is-sit fid-9 ta' Mejju, 2020.

Nhar id-29 ta' Marzu, 2022, xehdet **Natalie Caruana,** li l-art li kellu missierha hija ferm ikbar mil-art fil-mertu tal-kawża, u liema art kienet titħallas taħt qbiela waħda. Ix-xhud spjegat li fl-art in mertu ta' din il-kawża, oriġinarjament kien hemm siġar tal-ħawħ, li kien jieħu ħsieb missierha, liema siġar illum xjaħu, tant li ilhom madwar għaxar snin ma jagħtu frott. Kompliet tgħid li minn naħa tagħhom, ma għamlu xejn rigwardanti dawn is-siġar, biex ma jidħlux fi spejjeż u spjegat li wara li żżewġet, hi kienet bgħatet il-qbiela lil Boomer & Co Ltd, iżda peress li qatt ma rċeviet irċevuta, ħasbet li bgħatet il-ħlas lil xi ħadd ħażin, u b'hekk minn dak iż-żmien 'l hawn, qatt ma ħallset iktar il-qbiela.

In kontroeżami, l-intimata xehdet li hi qatt ma ġiet infurmata mingħand Boomer & Co Ltd jew mingħand is-sur Geoffrey Grech, dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-qbiela, u li konxja tal-fatt li t-titolu fuq din l-art, hija bi qbiela. Spjegat li ħadd qatt ma ċemplilha u avżaha li trid tħallas il-qbiela.

Nathalie Caruana kompliet tixhed nhar l-1 ta' Ġunju, 2023, fejn sostniet li huma lesti li jroddu lura l-art li mhux tinħadem, lis-Sur Grech, u dan il-ħsieb kien minn dejjem, iżda l-parti l-oħra ma kinitx aċċettat dan.

**Victoria Vella** xehdet nhar id-29 ta' Marzu, 2022, fejn spejgat li l-art in mertu tal-kawża, kienet għand missierha, Alessio Galea, b'titolu ta' qbiela u wara mewtu il-qbiela ġiet fuqha u fuq oħtha. Spjegat li l-qbiela kienet tħallasha oħtha lil Boomer Company Limited. Hija xehdet li ma għandhiex ideja meta kienet l-aħħar darba li oħtha ħallset il-qbiela, iżda qalet ukoll, li hi tmur fuq din l-għalqa qisu darba f'xahar. Qalet li huma jqabbdu bidwi biex jaħdem l-għalqa bil-qamħ, għan-nom tagħhom, fejn l-istess bidwi itihom parti mil-bejgħ tal-qamħ. Tenniet li l-biċċa tal-għalqa fejn hemm is-siġar, ma tinżerax qamħ. Spjegat li huma ilhom ma jieħdu frott minn dawn is-siġar, għal madwar għaxar snin. Kompliet tgħid li hi u oħtha qatt ma qalgħu dawn is-siġar, għax ma għandhomx il-makkinarju. Ikkonfermat li hija parti żgħira biss minn din ir-raba', li kien fiha siġar. Sostniet li l-aħħar darba li l-bidwi mqabbad minnhom ħa l-qamħ, kien proprju s-sena l-oħra.

In kontroeżami, hija ċċarat li l-parti fejn is-siġar, ma tinżerax qamħ għaliex l-ewwel iridu jitneħħew is-siġar.

**Ikkunsidra:**

**Rapport tal-Membri Tekniċi**

Illi l-Membri Tekniċi tal-Bord ipprezentaw r-rapport tagħhom, fejn spejgaw li:

*Ir-raba' in kwistjoni li huwa maghruf bhala 'Tal-Wicc' fil-Bezbibija, limiti tal-Mosta jikkonsisti f' ghalqa wahda ta' qies superficjali ta' 4.3 Tumoli.*

*L-access ghall-ghalqa (skond l-Attur) huwa minn fetha fi Triq ta' Zejfa bi dritt ta' moghdija minn ghelieqi ta' terzi, ghalkemm dan il-passagg li jmiss ma hajt tas-sejjiegh, ma setghax jigi identifikat fuq il-post, ghax probabilment ma tantx jintuza!*

*L-ghalqa giet studjata bi tlett modi – minn Desk Study, qari tar-rapport tal-konsulent Cilia ipprezentat fil-mori tal-kawza mill-Attur, kif ukoll minn l-access innifsu.*

***<u>Desk Study</u>*** *– Dan sar billi sar studju tar-ritratti ta' l-ajru tal-Awtorita tal-Ippjanar. Min dan johrog li aktarx li fl-1998 l-ghalqa in kwistjoni kienet imhawwla bis-sigar fuq gradilja u li l-art ta' bejn is-sigar kienet tinharat (Rit nru 1). Fir-ritratt numru 2 jidher car li l-ghalqa ma baqghetx tinharat u hafna mis-sigar jidhru li mietu. Dan in-nuqqas ta' hidma ta' l-art jitkompla fl-2008 (Rit numru 3). Fil fatt jidher ukoll il-bidu tal-process li bih l-art tigi kolonizzata mill-vegetazzjoni naturali; liema process juri bic-car li ma hemmx hidma tal-hamrija fuq tul imdaqqas ta' snin. Dan il-process jitkompla fis-snin sussegwenti kif jidher fir-ritratti numru 4, 5 u 6 li jikkorrispondu mas-snin 2012, 2016 u 2018 rispettivament.*

…

***<u>Ir-Rapport tal-Konsulent Ryan Cilia</u>*** *– L-Esponent espert agrikolu qara dan ir-rapport u jirreferi ghalih u fl-opinjoni meqjusa tieghu jikkonferma l-ewwel paragrafu tar-raport f'pagna 10, fejn jinghad*

*"From the satellite imagery it is obvious that the last trace signs that the field had only human interference was in 2009 where narrow paths are evident in the field"*

*Wara dan jidher li fl-ghalqa l-anqas biss ma dahlu nies go fiha imqar bizzejjed biex jiffurmaw xi passaggi*

***L-access tal-Esponenti*** *– Meta sar l-access wiehed jrid jirrapporta li kien ferm difficli ghall-esperti teknici biex jimxu l-ghalqa kollha minhabba li din kienet tinsab kollha abbandunata ghall-process naturali u ekologici, fosthom is-sigar, process fejn fih l-art terga titmasgar. Dan il-process kien fi stat medju u jidher mill-hafna sigar / arbuxelli tad-deru (Pistacia lentiscus – Lentisk) li xi whud minnhom kienu ta' gholi ta' aktar minn zewg metri (Rit numru 7). Dawn is-sigar zgur mhux imkabbra ghall-xi forma ta' agrikoltura u l-anqas selvikultura (it-tkabbir ta' sigar il-masgar) ghax huma rizultat ta' tifrix taz-zerriegha taghhom mill-ghasafar u li l-art ma tinhadimx tant li n-nebbieta tikber u tizvilluppa f'sigar slavag u mill-iktar naturali.*

*Ritratt nru 7 . Is-sigar tad-deru gholew aktar minn zewgt metri, li juri li l-art ilha ma tinhadem.*

*Ritratt nru 8. Sigar tad-deru johonqu sigar tal-frott irqieq kif ukoll taz-zebbug kawzati minn nuqqas ta' zbir u hidma ta' l-art fuq numru konsiderevoli taz-zmien.*

*Ritratt nru 9. Originarjament l-ghalqa kienet imhawwla minn sigar tal-frott irqieq u imdawra minn sigar tal-pal tal-bajtar.*

*Kien hemm ukoll qatet kbar ta' garni tal-pipi (Arisarum vulgare – Friar's Cow) kif ukoll arbuzelli kbar tal-kappar (Capparis orientalis – Caper). Dawn jixhdu bic-car li l-art ma kinitx mahduma ghall-hafna zmien).*

*Is-sigar taz-zebbug u tal-frott irqieq ma kienux fi stat ta' kura u zabra skont is-sengha. Fil-fatt hafna minnhom ma baqghux jtellghu mit-tilqima imma mil-baghal originali u ghalhekk isselvaggjaw. L-istess jista jinghad ghall-dawk is-sigar tal-frott irqieq li meta imlaqqma kienu hawh, cherry plum,*

*berquq, ecc u li waqt l-access wiehed seta jara li tellghu mill-baghal u hafna kienu regghu saru tal-lewz.*

*L-istat tal-htian – peress li l-ghalqa keient kwazi cirkument bis-sigar tal-bajtar tax-xewk, jidher li l-hitan kienu mohbija. Dan ma jfissirx li kienu bilfors fi stat hazin. Zgur jista jinghad li l-fatt li l-art kienet fi stat naturali u l-hamrija keient mistrieha, u ma gie innotat l-ebda telf ta' hamrija mill-istess ghalqa.*

*…*

***KONKLUZJONI***

*1 Wara dan kollu relatat hawn fuq, nikkonkludu illi, wara l-istudji maghmula minnhom, li, ghal-finijiet ta' l-Att dwar it-tigdid tal-kera tar-raba (kap 199, art 4, subart 2, subincizi ,'d ' u 'f', jidher ovvju li*
*('d) matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, l-ghalqa thalliet ma tinhadimx ghal mill-inqas tnax il-xahar konsekuttivi skont il-kalendarju, u*
*('f) matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, il-kerrej …. Abitwalment naqas li jhares xi kundizzjoni ohra tal-kirja jew deliberatament jew bi traskuragni kkaguna jew halla li tigi kagunata hsara, hlief hsara ta' importanza zghira, f'xi sigar tal-frott fir-raba'. "*

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-intimati eċċepixxew li r-rikorrenti għandha tipprova it-titolu, li hija proprjetarja tar-rabà in kwistjoni.

Il-Bord ra l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa, tat-tletin ta' April tas-sena elf disa mija u disgħin (30.04.1990), a folio 56 – 63 tal-proċess, li sfortunatament ġie ppaġinat b'mod, li folio 63 turi l-ewwel paġna tal-istess kuntratt, u folio 56 turi l-aħħar paġna tal-istess ritratt, permezz ta' liema, Joseph Gaffarena u oħrajn biegħu u ttrasferixxew a favur Boomer Company Limited, l-għalqa fil-kuntrada u mlaqqma "tal-Wiċċ" sive "ta' Mika" limiti tal-Mosta, tal-kejl ta' ċirca dsatax-

il elf mija u għaxar metri kwadri (19,110m.k.) u tmiss mil-lbiċ ma' triq li mill-Mosta tieħdok għar-Rabat, mix-xlokk ma' sqaq pubbliku bla isem, li jwassal għal Busbesija u mill-punent ma' beni tal-eredi ta' Ercole Testaferrata jew irjiet verjuri, libera u franka.

Il-Bord ra wkoll l-irċevuta tal-qbiela a folio 6 tal-proċess, li juru li l-qbiela kienet tintbagħat lil Boomer & Co Ltd. fl-indirizz, 14, Hubertus, J. Howard Street, Birguma, u mħallsa mill-intimati *"Natalie & Victoria xebbiet Galea tfal ta' Alessio Galea"*.

Jirriżulta wkoll li nonostante li tressqet tali eċċezzjoni, l-intimati ma ressqu l-ebda provi li jikkontradixxu dawk imressqa mir-rikorrenti. Għaldaqstant, għalkemm l-pjanta li kienet annessa mal-kuntratt t'akkwist ma ġietx eżebita, jirriżulta ai fini ta' din il-kawża u t-talbiet tagħha, li ġie ppruvat it-titlu tas-soċjetà rikorrenti versu r-raba' in kwistjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi permeżż ta' dan ir-Rikors, is-soċjetà rikorrenti qed titlob it-terminazzjoni tal-kirja tal-art indikata fl-istess Rikors, u r-ripreża tagħha, għar-raġuni illi:

i. L-intimati ħallew l-għalqa ma tinħadimx għal aktar minn tnax-il xahar konsekutttivi;

ii. matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, l-intimati naqsu li jżommu fi stat tajjeb l-għalqa, jew abitwalment naqsu li jħarsu l-kundizzjonijiet tal-kiri u bi traskuraġni, ikkaġunaw jew ħallew li tiġi kkaġunata ħsara fl-istess għalqa, jew f'ta' ġo fiha;

iii. Is-soċjetà rikorrenti ilha ma tirċievi l-kera għal diversi snin;

iv. Is-soċjetà rikorrenti trid li din l-għalqa tiġi ripristinata u tużaha għal skopijiet agikoli.

**Ikkunsidra:**

Dan il-Bord sejjer jeżamina fl-ewwel lok, it-talba msejsa ai termini tal-Artikolu 4(2)(d) tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula li t-talbiet simili għandhom jintlaqgħu jekk:

> *d) matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, l-għalqa tħalliet ma tinħadimx għal mill-anqas tnax-il xahar konsekuttivi skont il-kalendarju;*

Dwar l-Artikolu 4(2)( d) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, intqal f'**Fortunata Callus v Maria Farrugia,** deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2003, illi:

> *"Ghall-kaz bhal dan tghodd is-senjalazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni fl-ismijiet "Markiz Joseph Scicluna – vs- Joseph Bezzina et", 6 ta' Ottubru 1999:*
>
> *"Din il-Qorti tifhem li meta l-ligi titkellem dwar uzu ta' raba riedet tfisser illi r-raba jkun mahdum skond is-sengha biex jigi utilizzat ghall-produzzjoni tal-prodotti. Ma kienetx allura tifhem li r-raba jkun qed jigi uzat jekk sempliciment kull tant zmien tintefa` ftit zerriegha mhollija ghall-elementi. Meta hekk jigri wiehed gustament seta' jsostni li r-raba ma jkunx qed jigi uzat imma abbuzat. Ir-ritratti esebiti, infatti, jippruvaw illi meta ttiehdu, fiz-zmien vicin meta nbdew il-prezenti proceduri, seta jigi accertat, kif del resto accertaw ukoll il-periti teknici tal-Bord, illi r-raba in kwistjoni kien zdingat u abbandunat u li kien ilu hekk ghal numru ta' snin."*

Intqal ukoll f'**Joseph Zerafa vs Toni Casha**, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2006, mill-Qorti tal-Appell, illi li r-raba' għandu jinħadem b'mod aċċettabbli, fis-sens li jkun qed jiġi sfruttat għal skop agrikolu b'mod regolari, u mhux li jsir xi użu minnu għall-agrikoltura, u dan biss bħala paraventu għal skop prinċipali ieħor, li għalih verament ikun qed jiġi utilizzat. (Vide wkoll Carmela Aquilina et vs Teresa Magro et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ġunju, 1996).

Fid-dawl ta' tali insenjamenti u meta dan il-Bord iqies il-provi prodotti, irriżulta li l-għalqa in kwistjoni, tħalliet ma tinħadimx għal diversi snin. In fatti,

dan il-Bord, meta evalwa dak kollu li ġie pprezentat quddiemu, iqies li għandu jistrieħ fuq dak konkluż u kkonstat mill-Membri Tekniċi tiegħu. Għaldaqstant, jirriżulta li t-talba tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 4(2)(d) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, timmerita li tiġi milqugħa.

Stante li t-talba għal ripreża sejra tiġi milqugħa ai termini tal-Artikolu 4(2)(d) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, dan il-Bord iqies li mhuwiex meħtieġ li jeżamina t-talba għal ripreża, fid-dawl tar-raġunijiet oħra mressqa mis-socjetà rikorrenti.

**Decide**

Għar-raġunijiet fuq premessi, dan il-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, skont l-Artikolu 4(2)(d) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Għall-finijiet ta' żgumbrament, il-Bord qiegħed jiffissa terminu ta' sittin (60) ġurnata mil-lum.

Spejjeż għandhom jiġu sopportati mill-intimati.

______________________________

Maġistrat Dr. Simone Grech

______________________________

Janet Calleja
Deputat Reġistratur